REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1334/2013

tat-13 ta' Diċembru 2013

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2008 fir-rigward ta' isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni u fir-rigward tad-doża rakkomandata ta' preparazzjoni ta' *Lactobacillus rhamnosus* (CNCM-I-3698) u *Lactobacillus farciminis* (CNCM-I-3699)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 13(3) tiegħu,

Billi:

(1) Danisco France SAS ippreżentat applikazzjoni skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 li tipproponi bidla fl-isem tad-detentur tal-awtorizzazzjoni fir-rigward ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1290/2008 ([2]).

(2) L-applikant jistqarr li ttrasferixxa l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għall-preparazzjoni *Lactobacillus rhamnosus* (CNCM-I-3698) u *Lactobacillus farciminis* (CNCM-I-3699) għal Danisco (UK) Ltd u li din tal-aħħar issa għandha d-drittijiet ta' kummerċjalizzazzjoni għal dan l-addittiv.

(3) L-għan tal-applikazzjoni huwa wkoll li tippermetti t-tqegħid fis-suq tal-addittiv tal-għalf b'konċentrazzjoni ħames darbiet ogħla milli l-konċentrazzjoni minima. Sabiex ikun żgurat li l-kontenuti massimi u minimi stipulati fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1290/2008 jiġu rispettati, id-doża rakkomandata għal kull kilogramm ta' għalf sħiħ għandha tiġi mmodifikata.

(4) Il-bidla proposta tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għandha natura purament amministrattiva u ma tinvolvix valutazzjoni ġdida tal-addittiv ikkonċernat. Din tal-aħħar ġiet awtorizzata abbażi ta' Opinjoni tal-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà tal-Ikel ([3]). It-talba sussegwenti għal bidla tad-doża rakkommandata hija skont din l-istess Opinjoni u ma tinvolvix valutazzjoni ġdida. L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ġiet mgħarrfa b'din l-applikazzjoni.

(5) Sabiex tiġi adattata l-prattika kurrenti, l-isem kummerċjali għandu jitħassar mir-Regolament (KE) Nru 1290/2008.

(6) Sabiex Danisco (UK) Ltd. tkun tista' tisfrutta d-drittijiet tagħha tal-kummerċjalizzazzjoni, hemm bżonn li jinbidlu t-termini tal-awtorizzazzjoni rispettiva.

(7) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 1290/2008 għandu jiġi emendat skont dan.

(8) Billi r-raġunijiet tas-sikurezza ma jeħtiġux l-applikazzjoni immedjata tal-emendi li dan ir-Regolament għamel lir-Regolament (KE) Nru 1290/2008, huwa xieraq li jiġi stipulat perjodu tranżizzjonali li matulu jkunu jistgħu jintużaw il-ħażniet eżistenti.

(9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda għar-Regolament (KE) Nru 1290/2008

Ir-Regolament (KE) Nru 1290/2008 huwa emendat kif ġej:

1. Fit-titolu, titħassar il-kelma "(Sorbiflore)".

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1290/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' *Lactobacillus rhamnosus* (CNCM-I-3698) u *Lactobacillus farciminis* (CNCM-I-3699) (Sorbiflore) bħala addittiv fl-għalf (ĠU L 340, 19.12.2008, p. 20).

([3]) Opinjoni Xjentifika tal-Bord dwar l-Addittivi u l-Prodotti jew Sustanzi użati fl-Għalf tal-Annimali (FEEDAP) fuq talba mill-Kummissjoni Ewropea dwar is-sikurezza u l-effikaċja tal-prodott Sorbiflore, preparazzjoni ta' *Lactobacillus rhamnosus u Lactobacillus farciminis*, bħala addittiv fl-għalf għall-ħnienes. *The EFSA Journal* (2008) 771, 1–13.

2. L-Anness huwa emendat kif ġej:

(a) fit-tieni kolonna, il-kliem "Danisco France SAS" jinbidel bi "Danisco (UK) Ltd";

(b) fit-tielet kolonna, titħassar il-kelma "(Sorbiflore)";

(c) fid-disa' kolonna, il-punt 2 jinbidel kif ġej:

"2. Id-doża rakkomandata għal kull kilogramm ta' għalf komplet: 5×10^8 FU".

Artikolu 2

Miżuri Tranżizzjonali

Il-ħażniet eżistenti li ġew manifatturati u ttikkettjati qabel it-3 ta' Jannar 2014 skont ir-regoli applikabbli qabel it-3 ta' Jannar 2014 jistgħu jkomplu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sat-3 ta' Lulju 2014.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO